**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 446/2021CFS**

**CARMEL SIVE CHARLES FARRUĠIA, PAUL FARRUĠIA U EMMANUELE FARRUĠIA**

**VS.**

**NIBB RECYCLING LIMITED**

**Il-Qorti**

1. Dan huwa digriet għar-rikors imressaq minn NIBB Recyling Limited fid-**9 ta' Ġunju, 2021**, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex bit-tħaddim tal-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tiġbed għal quddiemha l-kawża ***NIBB Recycling Limited v. Carmel sive Charles Farruġia et*** **(Rik. Maħluf Nru. 539/2021NC)** biex tinstema' flimkien mal-kawża bl-okkju tal-kawża 446/2021CFS fuq indikat;

2. Biex issostni t-talba tagħha, NIBB Recycling Limited tgħid biss li ż-żewġ kawżi huma konnessi u tieqaf hemm. Hija la tipprovdi kopja tar-rikors maħluf numru 539/2021NC u wisq anqas ma tipprovdi tagħrif kif il-kawża

539/2021NC suppost tidħol ma’ din il-kawża 446/2021. Imbilli ż-żewġ kawżi jistgħu jkunu dwar l-istess ġid, ma jfssirx b’daqshekk li l-kawżi huma marbuta ma’ xulxin jew huma l-istess;

3. Terġa’ u tgħid – u dan huwa fatali mill-aspett proċedurali – it-talba mressqa minn NIBB Recyling Limited saret taħt l-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Dan l-artikolu jitkellem dwar *lis alibi pendens* u mhux dwar konnessjoni ta’ kawżi;

4. Kif din il-qorti ġa kellha l-okkażjoni li tfisser fid-digriet tagħha ***Claudio Manġion v. Charlene Friġġieri et*** mogħti fis-17 ta’ Mejju, 2021, il-kunċetti tal-*lis alibi pendens* u tal-konnessjoni tal-kawżi mhumiex l-istess u huma regolati fil-liġi tagħna b’mod differenti minn xulxin;

5. Fil-każ ta’ talba ta’ *litis pendentia* magħmula taħt l-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, din ma tistax titressaq quddiem il-qorti li qed tisma’ l-ewwel kawża iżda tista’ titressaq biss quddiem il-qorti li qed tisma’ t-tieni kawża (ara ***S&d Yachts Limited vs. Sealion Shipping Co. Ltd*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta’ Mejju, 2005);

6. Ta’ min iżid jgħid ukoll li kif ġie deċiż fis-sentenza ***Joseph Attard et vs. Mario Attard et***, ġa fuq imsemmija, talba ta’ *lis alibi pendens* trid tiġi maqtugħa b’sentenza u mhux b’sempliċi digriet;

7. Fuq kollox, biex ikun hemm każ ta’ *litis pendentia* jrid ikollok żewġ kawżi li huma bejn l-istess partijiet, fuq l-istess suġġett u bl-istess talbiet (ara f’dan is-sens ***Silvio Frendo et v. Rudolph Gatt*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta’ Awwissu, 2015, ***Crocifissa Sammut et v. Joseph Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Ottubru, 2003, ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. M of Time Limited*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-17

ta’ Frar, 2000 u ***Anatoli Reznikov et v. Nikolai A. Kotivov nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta’ Marzu, 1994);

8. Illi lura għall-każ tagħna, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha hija ma tistax tilqa’ t-talba mressqa minn NIBB Recycling Limited għaliex fl-ewwel lok, talba taħt l-**artikolu 792** trid issir lill-qorti li qed tisma’ t-tieni kawża u mhux lil din il-qorti li qed tisma’ l-ewwel kawża, u fit-tieni lok, għaliex NIBB Recycling Limited naqset f’kull każ li turi li bejn il-kawżi 539/2021NC u 446/2021CFS hemm l-istess *eadem res, eadem causa petendi* u *eadem personæ*;

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qiegħda għalhekk tiċħad it-talba magħmula minn NIBB Recycling Limited permezz tar-rikors tagħha tad-9 ta’ Ġunju, 2021;**

**L-ispejjeż marbuta ma’ dan ir-rikors huma mħollija għal meta tingħata s-sentenza finali;**

**Digriet kamerali mogħti llum, nhar il-Ħamis, 10 ta’ Ġunju, 2021.**

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**